# Ġrajja ta' Tmenin Sena Ilu – Il-Konċilju Reġjonali (1935)



**Kitba ta' Alfred Camilleri BA, PGCE**

**Introduzzjoni**

Jekk hemm ġrajja miktuba b'ittri suwed fl-istorja tal-festi kollha hekk imsejħa 'sekondarji' f'bosta parroċċi madwar Malta hija bla dubju ta' xejn il-ġrajja ta' meta ġie fis-seħħ il-Konċilju Reġjonali, li fost ħafna miżuri oħra li jissemmew fid-digriet tiegħu, kien hemm dawk li jikkontrollaw dawn l-istess festi u jagħtuhom rotta differenti minn dik li kienu ħadu sa dak iż-żmien. Hija ġrajja ta' swied il-qalb għaliex sal-lum għadna nħossu r-riperkussjonijiet koroh tagħha, liema riperkussjonijiet jinvolvu diskriminazzjonijiet immirati dejjem lejn naħa partikolari tal-komunità parrokkjali, piki fuq armar u funzjonijiet reliġjużi, battibekki fuq il-gazzetti lokali, tensjoni għall-Kappillani/Arċiprieti tal-parroċċi u inkwiet bejn il-fidili ġol-istess komunità parrokkjali.

**Il-Konċilju Reġjonali: X'kien u għaliex sar?**

Fl-1935 l-Isqfijiet Mauro Caruana u Mikiel Gonzi ddeċidew li jsejħu Konċilju Reġjonali. Hemm l-idea żbaljata li l-Konċilju Reġjonali kien biss immirat biex irażżan il-festi sekondarji. Dan mhu veru xejn. L-aġenda ta' dan il-konċilju kienet tmur lil hinn mill-festi sekondarji, anzi nazzarda ngħid li l-festi sekondarji kienu biss farka żgħira mill-għanijiet li għalihom tlaqqa'. Il-Konċilju Reġjonali kellu jsir b'mod konġunt bejn id-djoċesi ta' Malta u dik t'Għawdex u l-iskop prinċipali tiegħu kien li jirregolarizza ċerti affarijiet u prattiċi fiż-żewġ djoċesijiet fosthom:

1. il-professjoni, il-priservazzjoni u l-propagazzjoni tal-fidi kattolika bis-saħħa tal-omeliji dwar l-evanġelju, il-prietki u t-tagħlim tal-katekiżmu.
2. il-ħajja u l-qdusija tas-saċerdoti, tar-reliġjużi, tas-sorijiet u tal-lajċi.
3. l-assoċjazzjonijiet kattoliċi, l-aktar l-Azzjoni Kattolika.
4. l-amministrazzjoni tas-sagramenti.
5. ir-rispett lejn il-postijiet qaddisa.
6. l-osservanza tal-jiem qaddisa u l-qima divina.
7. l-amministrazzjoni tal-propjetà u l-legati tal-Knisja.
8. il-ġbir ta' fondi.

**Il-festi sekondarji**

Għalkemm il-festi sekondarji ma kinux fuq nett tal-aġenda tal-Konċilju Reġjonali, jibqa' l-fatt li dawn intmessu u mhux bi ftit. Jidher li l-Arċisqof Mauro Caruana OSB u l-Isqof Mikiel Gonzi kienu ilhom għajnjehom fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-festi sekondarji għax bis-saħħa taċ-ċirkolari nru. 297 tat-13 ta' Lulju 1932, kienu diġà stabbilixxew xi regolamenti.

M'hemm l-ebda dubju fuq il-fatt li l-Konċilju Reġjonali rnexxielu jrażżan il-festi sekondarji. Fost il-ħafna restrizzjonijiet wieħed isib li ma setax ikun hemm tranżlazzjoni tar-relikwija, kellu jkun hemm banda waħda lejlietha u oħra nharha, il-murtali ma jiskorrux il-mitt wieħed u tintrama biss il-pjazza ewlenija.

Il-partitarji tal-festi sekondarji ma ridux jaċċettaw dawn ir-restrizzjonijiet u dlonk bdew il-laqgħat biex forsi tinstab soluzzjoni. Il-ħidma kienet waħda kollettiva bejn ir-rappreżentanti tal-festi milquta imma billi d-dinja kienet f'xifer it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), bħal donnu kollox miet fuq ommu. Imma l-idea li l-kumitati tal-festi sekondarji jiġġieldu għal kawża komuni reġgħet irxuxtat hekk kif Malta bdiet tqum minn din il-burraxka sakemm nhar it-18 t'Ottrubru 1957 iltaqa' għall-ewwel darba b'mod uffiċjali l-hekk imsejjaħ KUMITAT TAL-FESTI SEKONDARJI. Il-laqgħat ta' dan il-kumitat kienu jsiru jew fil-każin tal-Filarmonika Nazzjonali La Valette jew inkella fl-Unjoni Kattolika – San Ġużepp, il-Belt Valletta. Dan il-kumitat ħejja abbozz ta' talbiet li kellu jressaq quddiem l-Arċisqof Gonzi . Dawn it-talbiet kienu jinkludu żieda ta' dawl u damask, tranżlazzjoni lejlet il-festa, li l-Ġimgħa tinxtegħel il-faċċata tal-knisja, mod aktar sodisfaċenti fid-daqq tal-qniepen, armar ta' toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni, żieda ta' banda kemm lejlet kif ukoll nhar il-festa u li tmint ijiem qabel il-festa l-banda tal-lokal tesegwixxi programm. Fil-fatt dawn it-talbiet tressqu fit-28 ta' Frar 1958. Meta beda għaddej iż-żmien u kollox baqa' kif kien, il-Kumitat tal-fest Sekondarji avviċina lill-Avukat Jos. A. Herrera (1932-1994) sabiex iressaq il-każ Ruma. Infatti dan tela' Ruma f'Awwissu 1959 fejn ikkummissjona lill-Avukat Luigi De Luca sabiex

jiftaħ il-kawża waqt li għaddielu l-informazzjoni kollha dwar il-qagħda tal-festi sekondarji f'Malta. Il-kawża nfetħet nhar is-27 t'April 1960. Tressqet ukoll petizzjoni quddiem l-E. T. Kardinal Pietro Circiaci – Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilji Reġjonali.

**Riperkussjonijiet**

Jekk wieħed ikollu jistaqsi x'ħareġ minn dawn l-isforzi kollha, it-tweġiba tkun 'xejn'. Il-bieb baqa' magħluq u kollox baqa' kif kien. Forsi l-akbar ġrieħi nħassu fil-Qrendi, fejn il-fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes damet soppressa sas-27 ta' Ġunju 1958. Fil-fatt kien fi żmien il-Kappillan Dun Elia Spiteri, b'digriet ta' nhar id-9 t'Awwissu 1935 li din il-fratellanza ġiet imwaqqfa milli tkompli topera. B'reazzjoni għar-restrizzjonijiet li impona l-Konċilju Reġjonali, il-partitarji ta' Lourdes kienu ħolqu festa oħra nhar it-8 ta' Settembru, waħda sekulari, bil-baned u n-nar. Il-messaġġ kien li sakemm il-knisja twebbes rasha kontra l-festa ta' Lourdes, il-partitarji ma kinux iħossuhom parti mill-istess knisja. Kien fis-sena 1960 li reġgħet bdiet issir il-festa ta' barra f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes, ovvjament skont ir-restrizzjonijiet tal-Konċilju.

F'ħafna mill-irħula, inkluż il-Qrendi, il-miżuri fuq barra li kien stabbilixxa l-Konċilju Reġjonali kienu jkunu infurzati mill-pulizija. Dawn mhux l-ewwel darba li ntbagħtu sabiex jissorveljaw l-ammont ta' bozoz jew jekk l-armar tal-pjazza jaqbiżx b'xi pied. Kien minn dan iż-żmien li twieldet ċerta rivalità bejn il-partiti tal-festi sekondarji u l-knisja lokali. Fis-snin ta' wara l-konċilju ma kinux wieħed jew tnejn, il-bullettini tat-tqarbin[1] li tqattgħu mill-partitarji bħala sinjal ta' protesta. Oħrajn kienu jagħżlu li ma jbirkux djarhom fi żmien il-Għid. M'għandniex xi ngħidu, il-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-snin sittin bejn il-*Malta Labour Party* u l-Knisja, għalkemm ma kellha xejn x'taqsam ma' dak li qed nitkellmu fuqu, kompliet aktar biegħdet in-nies mill-knisja, milli ressqithom!

**Is-sena 1975**

Nistgħu ngħidu li hekk baqgħet is-sitwazzjoni sas-sena 1975 meta mbagħad f'dik is-sena, il-festa tal-Madonna ta' Lourdes, mill-aspett estern, reġgħet ingħatat id-drittijiet li kellha qabel. Imma wieħed jistaqsi: x'ġara fl-1975 biex inqalbet il-folja f'dik li hi ċ-ċelebrazzjoni esterna tal-festa? Minħabba li sena qabel, Malta kienet saret Repubblika u allura kellha kostituzzjoni ġdida bbażata fuq il-prinċipju li ċ-ċittadini huma kollha ugwali quddiem il-liġi u għandu jkollhom l-istess drittijiet, is-Soċjetà Filarmonika 'Lourdes' tal-Qrendi ħadet l-inizjattiva u kitbet lis-soċjetajiet tal-festi sekondarji. Nhar is-6 ta' Marzu 1975 tħabbar li kellha ssir laqgħa għalihom fl-*Anglo-Maltese Club*, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta. Id-data tal-laqgħa kienet il-Ħadd 16 ta' Marzu fl-għaxra ta' filgħodu u għaliha attendew rappreżentanti mis-Soċjetà Filarmonika Lourdes - Qrendi, mis-Soċjetà Mużikali Tal-Ġilju – Mqabba, mis-Soċjetà Karmelitana – Żurrieq, mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp – Ħal Kirkop, mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp – Ħal Għaxaq u mill-Banda De Rohan – Ħaż-Żebbuġ. Saret petizzjoni u nbagħtet lill-Prim Ministru Dom Mintoff u lill-Kummissarju tal-Pulizija ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa fir-rigward ta' permessi għall-festi esterni. Kollox beda ġej favur u nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 1975 ħarġu l-permessi kif mixtieqa għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi li kienet se tkun ċċelebrata jumejn wara, nhar il-Ħadd l-1 ta' Ġunju. Għal dik il-festa, fi ġlieda kontra l-ħin, il-partitarji laħqu ramaw Triq il-Parroċċa u Pjazza Santa Marija. Hawnhekk ma nistax ma nsellimx il-memorja tal-Onor. Dr. Ġużè Cassar, President tas-Soċjetà Mużikali Lourdes, li ħafna bdew ilaqqmuh *'l-avukat tas-sekondarji'* billi f'din il-kwistjoni kellu sehem kbir u ħadem ħafna biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-festi esterni. Għall-festa tas-sena 1976, skont ftehim li sar nhar l-10 t'April ta' dik is-sena, ħarġu l-permessi għan-nar, armar fit-toroq kollha u żewġ baned nhar il-festa.

**Għeluq**

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa interna ftit li xejn imxiet 'il quddiem. Hemmhekk l-affarijiet baqgħu staġnati. Iċ-ċaqliq kien żgħir wisq meta mqabbel mal-passi kbar 'il quddiem li għamlet il-festa esterna. It-tama tiegħi hi li xi darba l-Knisja f'Malta tanalizza bis-serjetà l-kwistjoni tal-festi sekondarji u taqta' linja darba għal dejjem biex ċerti talbiet pendenti li issa ilhom fuq il-karta għal għexieren ta' snin ma jibqgħux ħolma. B'hekk ma tibqax issir inġustizzja ma' nofs jew tliet kwarti tal-komunità parrokkjali u terġa' tibda tirrenja s-serenità bejn dawk li suppost jissejħu 'lkoll aħwa fi kristu'!

Ħajr lil Deborah Mifsud għad-dati u t-tagħrif li għaddietli dwar il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi.

[1] Il-bullettin tat-tqarbin kien speċi ta' ċertifikat (f'forma ta' biljett) li kien jitqassam lill-fidili biex huma min-naħa tagħhom irodduh lura meta jkunu osservaw il-preċett tat-tqarbin fi żmien l-Għid il-Kbir. B'dan il-mod il-Knisja kien ikollha f'idejha rendikont ta' dawk il-fidili li jitqarbnu